MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Numru. 512/2012

**Il-Pulizija**

**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Sedia Djallo, iben Mamadou u Fatmata nee' Barry, imwieled gewwa Ivory Coast nhar it-13 ta' Lulju, 1981, residenti fil-fond Flat 1, Vile Court, Triq San Gorg, Paceville, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 58747A;**
**U Bacari Mane', iben Mandou u Fatima Lopez da Costa, imwieled fil-Guinea Bissau, nhar it-28 ta' Dicembru, 1984, residenti fil-fond Numru 3, Rua Calsada, Runchoa, Rio de Mouro, Lisboa, detentur tal-passaport Portugiz numru L826266;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Sedia Djallo** u **Bacari Mane'**, li gew akkuzati talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Mejju, 2012, u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, meta ma kinux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga

msemmija fil-pussess taghhom, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

2. U aktar talli kkomettew l-imsemmija reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, skont l-Artikolu 22(2b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali biex din il-kawza titmexxa bhala kumpilazzjoni, a folio 9 u 10.

Rat ukoll illi sussegwentement ghal dan, l-Avukat Generali, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, baghat il-Kontro Ordni kontra z-zewg imputati rispettivament, dan ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 319).

Rat illi magluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, wara diversi talbiet ghal differiment mid-Difiza, l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Semghet ukoll illi l-imputati kkonfermaw l-ammissjoni minnhom registrata.

Rat fis-succint (in vista' tal-ammissjoni registrata u kkonfermata), il-provi prodotti.

Senjalament gew prezentati mill-Ufficjal Prosekutur Johann Fenech, l-istqarrijiet tal-imputati, Doki JF 4 u Dok JF 5. Tista' tghid illi f'kull stqarrija rispettiva, fi stadju ta' investigazzjoni, l-imputati nnegaw l-involviment taghhom, anzi wahhlu f'xulxin. Pero, apparti ghall-ammissjoni taz-zewg imputati, il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jghid b'mod car illi:

"*Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma*

*ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*"

Rat ukoll ix-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, PS 1220 Chris Baldacchino, PC 300 Alfred Cutajar, u PS 635 Calleja, dwar ir-*raid* illi sar. Xehdu dawn bejniethom illi kienu qed josservaw Vile Court, Flat 1, San Gorg, Paceville. Meta fl-ahhar dahlu gol-flat, sabu hemm lil dawn l-imputati f'din ir-residenza. Fuq il-mejda fil-fond in kwistjoni, sabu fuq il-mejda tal-kcina mizien, sikkina, tape wiesgha, plastic bags li fihom kien hemm zewg kapsoli, roll tissue paper, u nofs card tal-Vodafone tal-plastic maqsuma bi tracci bojod fuqha. Sabu anke tracci bojod fuq il-mejda.

Fil-kamra tas-sodda xehdu li Djallo kellu hemm basket b'diversi kapsoli. Dawn kienu mpoggija mal-art (xhieda ta' PC 300 Cutajar). Instabu anke flus fl-ammont ta' elf tliet mija u ghaxar Ewro (€1,310), f'bagalja li c-ccavetta taghha ttiehdet minghand Mane'. PS 635 Calleja ddeskriva li l-kapsoli misjuba fil-kamra tas-sodda fejn dahlu ma' Djallo, kienu ta' circa hames(5) centimetru b'diametru ta' centrimetru u nofs (1.5). Anke dan xehed illi nstabu zewg (2) kapsoli ohra fil-kcina.

Din id-droga misjuba ngahtat - ghax gie appozitament nominat, lill-Ispizjar Mario Mifsud, illi ghamel l-analizi u kkonkluda dan:

"*Ghaldaqstant, mir-rizultanzi miksuba, l-Esponent l-Ispizjar Mario Mifsud, Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi:*

*Illi fit-trab ta' lewn abjad, f'ammont nett totali ta' 28.21grammi, li kien hemm fid-dokument 276/12/03 ma nstabux fih sustanzi llegali;*

*Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) kapsola ta' sustanza ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 276/12/01, il-kapsola ta' sustanza ta' lewn abjad u trab ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 276/12/02, u t-trab ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 276/12/04 instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-purita' medja tas-sustanza u t-trab ta' lewn abjad illi kien hemm f'dawn id-dokumenti, f'ammont nett totali ta' 339.57 grammi, ghas-sustanza Kokajina kienet ta' circa 58.3%. Is-sustanza Kokajina, li hija stimulant, hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-prezz bl-imnut tas-sustanza Kokajina li kien hemm fid-dokumenti 276/12/01, 276/12/02, u 276/12/04, skont il-Malta Drug Report 2008 – 2010, kien ta' circa €27,166.*"

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti gia' ghamlet referenza ghall-ammissjoni kkonfermata mill-imputati. Fil-fatt il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ghaddew biex jittrattaw il-piena li skondthom ghandha tkun idonea ghall-akkuzi kif ammessi. Illi l-Qorti, anke minhabba s-suggerimenti taz-zmien ta' piena karcerarja espressa mill-partijiet fit-trattazzjoni taghhom, ghaddiet biex tispjega (u tivverbalizza) lill-imputati, illi Hija ma kinitx marbuta ma' ebda wiehed mis-suggerimenti ta' zmien karcerarju suggerit mill-parijiet – ghalkemm fil-fatt ma kinx hemm qbil bejniethom.

Illi in vista' tal-ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib htija, u dan wara li rat l-Artikolu 22(2b) - l-aggravju tal-mitt (100) metru anke wara li rat ir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, Dok VS a folio 253; it-Taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; l-Artikolu 22(2)(b); u l-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda tal-istess Kap imsemmi.

Dwar il-piena, qieset illi l-imputati rregistraw l-ammissjoni taghhom wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u anke wara li ntalbu diversi differimenti biex id-Difiza tibda bil-provi taghha.

Illi kkonsidrat ukoll illi l-piz misjub kien wiehed konsiderevoli ta' 339.57 grammi, bil-purita' ta' circa 58.3% - ammont dan pjuttost konsiderevoli, certament mhux negligibbli, dan considerando wkoll illi il-prezz bl-imnut ta' din id-droga kien ukoll wiehed ossai konsiderevoli ta' sebgha u ghoxrin elf mija u sitta u sittin Ewro (€27,166).

Illi wiehed ghalhekk jista' japprezza kemm kienet ser tkun imferxxa d-distribuzzjoni tal-ammont involut, ghax l-ammont innifsu jaghti lok ghal distribuzzjoni tad-droga.

Illi l-Qorti, semghet ukoll lid-Difiza tissuggerilha li ghandha titratta bid-droga b'nofs ghal imputat wiehed u nofs ghall-iehor. Frankament din il-Qorti ma sabet xejn li jista' jwassalha ghal dan. Ammettew huma, kull wiehed ha r-responsabbilta' ghall-ammont kollu misjub, u l-Qorti ghal dan sabet il-htija.

Ghaldaqstant tikkundanna lil Sedia Djallo u Bacari Mane' ghal piena karcerarja effettiva ta' sitt(6) snin kull wiehed;
U ghal multa ta' tliet elef Ewro (€3,000) kull wiehed.

Tikundannahom ukoll ihallsu bejniethom is-somma ta’ sebat elf tminn mija u tmienja u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu(€7,878.14), cioe’ tliet elef disa’ mija u disgha u tletin Ewro u seba’ centezmi(€3,939.07) kull wiehed, u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bhala spejjez peritali nkorsi.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita KB438.2012, u kif ukoll il-konfiska tal-flus ezebiti ammontanti ghal elfejn u tliet mitt Ewro (€2,300) bin-numru KB 206.2012, in vista’ tac-cirkostanzi li nstabu l-istess flus.
Tikkomunika ghalhekk din is-sentenza lid-Direttur tal-Qrati Kriminali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------